**MINUTI**

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 61/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 19 ta' Ġunju, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-17:10hrs.

### Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***

Joseph Schembri ***Kunsillier***

John Luke Cassar ***Kunsillier***

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

Cody Galea ***Kunsillier***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 58

61.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 58 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 61.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 59

61.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 59 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Ritienne Caruana, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 61.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 60

61.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 60, liema laqgħa kienet ġiet ikkanċelata minħabba li l-Kunsilliera kollha ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 61.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

61.5.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 10/2023 mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward Inizjattiva biex fir-Rebbiegħa ma jsirx qtugħ ta' ħaxix selvaġġ.

61.5.1.1 Is-Sindku spjega li Ambjent Malta kienet qed titlob lill-Kunsilli Lokali biex waqt ir-rebbiegħa ma jsirx qtugħ ta' ħaxix selvaġġ speċjalment f'toroq u mgħodijiet rurali u fil-kampanja.

61.5.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand resident rigward l-istat ħażin li jinsabu fih iż-żewġ *bus shelters* li hemm fi Triq Ħal Safi.

61.5.2.1 Is-Sindku qal li dawn iż-żewġ *bus shelters* kienu fil-pjan biex jiġu rranġati mill-ħaddiema tal-id tal-Kunsill iżda sfortunatament bħalissa l-Kunsill jinsab mingħajr ħaddiema.

61.5.2.2 Is-Sindku kompla jgħid li issa li l-Kunsill kien iffirma l-interess mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' xogħol fuq il-*bus shelters*, il-Kunsill ser jistħarreġ il-possibilità li jsiru mill-ġdid dawn iż-żewġ *bus shelters* fi Triq Ħal Safi.

61.5.2.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintalab il-gwida tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex ikun jista' jsir dan ix-xogħol kemm jista' jkun malajr.

61.5.2.4 Fil-frattemp hemm bżonn li jitgħattew il-karikaturi li nżebgħu fuq l-istess *bus shelters*.

61.5.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva il-pjan ta' ħidma rigward is-servizz ta' ġbir ta' skart mingħand il-kuntrattur tar-Reġjun Punent.

61.5.3.1 Is-Sindku qal li dan il-pjan ma fihx biżżejjed dettalji u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet aktar informazzjoni lir-Reġjun.

61.5.3.2 Sakemm dħalna għal-laqgħa l-Kunsill ma kienx għadu rċieva *update* ta' dan il-pjan. Is-Sindku qal li din is-sitwazzjoni tista' tiġi solvuta biss meta jkun hemm id-*datatrack* fuq il-vetturi.

61.5.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-UEFA U19 Championship Malta.

61.5.4.1 Is-Sindku qal li l-Malta Football Association kienet qed toffri biljetti bi prezz ridott lir-Reġjuni u sussegwentement lill-Kunsilli Lokali għal-logħba tal-ftuħ jew dik tal-finali.

61.5.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand id-Dementia Intervention Team b'informazzjoni utli li tista' tgħin lill-Kunsill biex Ħal Kirkop isir aktar *Dementia Friendly*. Dan wara li sar l-iffirmar tal-MOU biex il-Kunsill jaħdem aktar b'risq persuni bid-*dementia*.

61.5.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-informazzjoni u qablu li jitkellmu mar-rappreżentant tad-Dementia Intervention Team biex naraw kif nistgħu naħdmu fuq tabelli informattivi li jkunu ta' għajnuna għall-persuni bid-*dementia*.

61.5.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-GAL Xlokk rigward dikjarazzjoni mill-Kunsill li jikkonferma li ser jissapportja l-applikazzjoni sottomessa mill-GAL Xlokk għall-Programm Leader 2023 – 2027.

61.5.6.1 Is-Sindku qal li kif kien ġie komunikat permezz tal-*emails* u t-telefon, il-Kunsilliera kienu qablu li din id-dikjarazzjoni tiġi ffirmata. Dan qed jiġi kkonfermat ukoll waqt din il-laqgħa peress li d-data tal-għeluq kienet qabel il-laqgħa u l-laqgħa preċedenti ma kinetx saret.

61.5.6.2 Is-Sindku Terence Agius qal li issa kien hemm bżonn li tiġi diskussa wkoll is-sħubija mal-Fondazzjoni GAL Xlokk. Din ser tiġi diskussa aktar tard fil-laqgħa skont l-*item* fuq l-aġenda nru. 61.16.

61.5.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand is-Sindku ta' Saint-Viaud fi Franza fejn infurmana li l-muniċipalità tiegħu qed tfittex muniċipalità fl-Ewropa biex tagħmel ġemellaġġ magħha. Dan il-kuntatt sar wara li s-Sindku ta' Saint-Viaud iltaqa' mad-delegazzjoni tal-Għaqda Mużikali San Leonardu waqt li dawn kienu f'Saint-Leonard de Noblat f'Mejju li għadda.

61.5.7.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u minħabba li l-Kunsill għandu diġà ġemellaġġ ma pajjiż ieħor fi Franza, għaldaqstant ma jarax li għandu jkollu ġemellaġġ ieħor ma raħal fl-istess pajjiż.

61.5.7.2 Il-Kunsilliera qablu li ngħaddu dan il-kuntatt lir-Reġjun Punent biex jaraw jekk hemmx xi lokalità fir-Reġjun tagħna li huma interessati li jagħmlu dan il-ġemellaġġ.

61.5.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward ftehim ta' kollaborazzjoni ffirmat bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Aġenzija LESA.

61.5.8.1 Is-Sindku spjega li l-Aġenzija ser tkun qed tgħaddi €600,000 lill-Assoċjazzjoni fuq perjodu ta' sentejn sabiex dan ikun ta' għajnuna finanzjarja għar-Reġjuni, Kunsilli Lokali, NGOs u għaqdiet volontarji oħra. Tali għajnuna ser tingħata f'forma ta' servizzi tal-Aġenzija LESA, tal-Korp tal-Pulizija u tal-Protezzjoni Ċivili u tista' tintuża waqt l-attivitajiet imtella' mill-Kunsilli u/jew għaqdiet.

61.5.8.2 Is-Sindku kompla jgħid li dan il-fond se jgħaddi għand ir-Reġjuni f'erba' tranżazzjonijiet u l-Kunsilli jagħmlu t-talba lir-Reġjun tagħhom. Is-Sindku qal li r-Reġjun għad irid jagħti lill-Kunsilli l-informazzjoni dwar kif ser ikunu qed jitqassam dan il-fond u kemm ser ikun l-ammont disponibbli għall-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

61.5.8.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qalu li fl-opinjoni tagħhom dawn il-fondi għandhom jinqasmu b'mod indaqs bejn il-lokalitajiet kollha tar-Reġjun.

61.5.8.4 Is-Sindku qal li l-laqgħa tar-Reġjun Punent ser tkun fl-20 ta' Ġunju, 2023 u din hija l-proposta li ser iressaq minn naħa tiegħu.

61.5.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand ir-Reġjun Punent rigward *'Regional POP-UP Art Exhibition'*.

61.5.9.1 Is-Sindku qal li l-ħsieb tar-Reġjun huwa li jittellgħu sensiela ta' Pop-up Art Exhibitions Reġjonali li ser jinkludu diversi forom ta' arti bħal drammi, pittura, skultura u kant.

61.5.9.2 Is-Sindku qal li r-Reġjun kien talab lill-Kunsill biex jagħti data u post fejn il-Kunsill jixtieq li ssir jekk issir waħda f'Ħal Kirkop. Minħabba li kif inhi miftuħa ħafna, minħabba li l-post jiddependi minn x'se jsir u anke d-data u kif ukoll skont f'liema żmien tas-sena qed jaħsbu li jsiru, il-Kunsill talab aktar informazzjoni lir-Reġjun.

61.5.9.3 Is-Sindku qal li r-Reġjun kien informa lill-Kunsill li bħalissa kienu qed iħarsu lejn il-loġistika biex dan iseħħ, u la darba kollox ikun ikkonfermat ser iżommu lill-Kunsill aġġornat. Kompla jgħid li r-Reġjun kien qed jikkomunika ma NGOs u VOs biex jaraw id-disponibilità tagħhom.

61.5.9.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qalu li ser jistennew *feedback* mingħand ir-Reġjun Punent.

61.5.9.5 Is-Sindku qal li din ser tkun qed tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun Punent li ser issir fl-20 ta' Ġunju, 2023.

61.5.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fil-25 ta' April kellu laqgħa mal-Ispettur Mark Cremona rigward il-Pulizija tal-Komunità fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-pulizija kellha ddaħħal ir-rekluti l-ġodda u għaldaqstant is-servizz tal-Pulizija tal-Komunità f'Ħal Kirkop kien ser jiġi inawgurat lejn l-aħħar ta' Mejju.

61.5.10.1 Is-Sindku qal li wara dik il-laqgħa kien irċieva talba għal-laqgħa oħra mas-Surġent li ser tkun qed tieħu ħsieb l-*area tagħna* – Ħal Kirkop; Ħal Safi u l-Imqabba. Din il-laqgħa saret nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju fejn hu flimkien mal-Viċi Sindku kienu ltaqgħu mas-Surġent Jessica Grixti.

61.5.10.2 Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa ingħata *overview* ta' xi sitwazzjonijiet li l-Kunsill jara li huma inkwetanti fil-lokalità.

61.5.10.3 Is-Sindku qal li l-ħinijiet tal-Pulizija tal-Komunità ser ikunu bejn is-7am u s-7.30pm minn Settembru sa Marzu u bejn is-7am u l-11.30pm minn April sa Awwissu.

61.5.10.4 Il-Kunsilliera qalu li jħarsu 'l quddiem biex dan is-servizz jibda kemm jista' jkun malajr.

61.5.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien laqgħa l-istedina tal-Comune de Rousset u kien ser jattendi għal-laqgħat ta' diskussjoni dwar il-ġemellaġġ f'Rousset bejn l-24 u s-27 ta' Awwissu, 2023.

61.5.11.1 Is-Sindku kkonferma li d-delegazzjoni Maltija ser tkun magħmula mill-Kunsilliera kollha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

61.5.11.2 Matul din il-mawra kienu mistiedna wkoll il-Kirkop United FC, fejn kellhom ittellgħu tim ta' veterani biex jieħu sehem f'*tournament* organizzat għall-okkażjoni. Sfortunatament, minħabba finanzi, Kirkop United FC ma rnexxielhomx jagħqdu tim biex setgħu jitilgħu jieħdu sehem fit-*tournament* f'Rousset.

61.5.11.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li meta Rousset jitolbu biex ikollhom dawn it-tip ta' skambji, jintalab li Rousset jitkellmu dirett mal-għaqda konċernata biex ma jerġax jiġri l-istess u l-Kunsill jaqa' għaċ-ċajt mal-Comune de Rousset.

61.5.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta pożittiva rigward it-talba lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex impjegata minn tagħhom tkun issekondata mal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop. Din l-impjegata bdiet taħdem fil-Kunsill, b'ħinijiet ridotti b'effett mill-1 ta' Ġunju, 2023.

61.5.12.1 Il-Kunsilliera awguraw lill-impjegata l-ġdida kull suċċess f'ħidmietha b'risq ir-residenti tal-lokalità ta' Ħal Kirkop.

61.5.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* rigward il-Bandli tal-Kommunità u l-bżonn li fih issir xi manutenzjoni.

61.5.13.1 Is-Sindku qal li kien qed isir xogħol fuq it-tapit wara li tneħħa l-*boundary wall* li kien hemm fl-istess bandli minħabba xogħol ta' kostruzzjoni. Is-Sindku kompla jgħid li minħabba li bħalissa l-Kunsill jinsab mingħajr ħaddiema tal-id, għaldaqstant ma hemmx min ikompli dan it-tapit.

61.5.13.2 Is-Sindku qal li kien għadu għaddej b'diskussjonijiet dwar il-ħaddiema tal-id biex jara jekk jiġġeddidx il-kuntratt ta' wieħed minnhom jew inkella l-Kunsill jingħata persuna oħra. Sakemm dħalna għal-laqgħa l-Kunsill kien għadu mingħajr risposta finali.

61.5.13.3 Is-Sindku qal li wieħed irid jara kif se jmexxi jekk ma ningħatawx ħaddiema għax hemm bżonn urġenti li ssir il-manutenzjoni meħtieġa fil-bandli.

61.5.13.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintbagħat *email* lill-Ministru tal-Gvern Lokali fejn nitolbu l-għajnuna tiegħu biex tissolva l-*issue* tal-ħaddiem biex ikun jista' jagħmel ix-xogħol meħtieġ fil-Bandli tal-Komunità minħabba li l-Kunsill ma għandux finanzi biex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa.

61.5.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għadu ma għamilx it-tieni laqgħa annwali għar-residenti. Għal dan il-għan is-Sindku talab biex tiġi ffissata data għal din il-laqgħa minħabba li skont il-liġi din il-laqgħa kellha ssir.

61.5.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li l-laqgħa annwali ssir nhar l-Erbgħa, 26 ta' Lulju, 2023 fit-19:45hrs.

61.5.14.2 Il-Kunsilliera qablu wkoll li minħabba finanzi ma jitqassmux ittri bieb bieb iżda jittella' post fuq *facebook* biex ir-residenti jkunu nfurmati dwar din il-laqgħa. Dan għaliex meta tqassmu ittri bieb bieb xorta waħda ma kienx hemm konkorrenza mill-pubbliku u għaldaqstant dawn ikunu ħela ta' flus.

61.5.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li minħabba li l-latrina kienet għamlet żmien magħluqa, minħabba ħsarat fil-provvistà tad-dawl, il-kuntratt li kien jiskadi fl-aħħar ta' Mejju 2023 kellu jiġi mġedded bi tlett xhur. Għaldaqstant il-kuntratt tal-ftuħ, għeluq u tindif tal-latrina kien ser jiġġedded sal-aħħar ta' Awwissu 2023. Ġunju, Lulju u Awwissu ser ikunu qed jissostitwixxu Frar, Marzu u April 2023.

61.5.15.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li kellu jsir kif spjega s-Sindku.

61.5.15.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-kuntratt tal-ftuħ, għeluq u tindif tal-latrina jiġġedded bl-istess kundizzjonijiet sal-aħħar ta' Awwissu 2023, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

61.5.15.3 Fil-frattemp il-Kunsill kellu l-ħtieġa li joħroġ espressjoni ta' interess għal dawk interessati li jieħdu ħsieb il-ftuħ, l-għeluq u t-tindif tal-latrina.

61.5.15.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tinħareġ espressjoni ta' interess bl-istess termini u kundizzjonijiet bħal dawk tal-kuntratt preżenti.

61.5.15.5 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex tinħareġ espressjoni ta' interess għall-ftuħ, għeluq u tindif tal-latrina, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

61.5.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li r-ritratti ta' Ħal Kirkop li ġew ikkumisjonati mill-Kunsill kienu lesti u twaħħlu fl-Iskola Medja Kulleġġ San Benedittu Ħal Kirkop.

61.5.16.1 Il-Kunsilliera preżenti raw ir-ritratti mibgħuta mill-Iskola Medja u apprezzaw il-fatt li postijiet ta' interess f'Ħal Kirkop qed isebbħu l-kurituri tal-Iskola Medja.

61.5.17 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien irċieva s-sentenza tal-kawża li l-Kunsill kellu mas-Sur Salvu Debono fejn il-punt prinċipali li fuqu l-Qorti ddeċidiet il-kawża kontra l-Kunsill kien interpretazzjoni tal-liġi fejn il-Qorti qalet li Kunsill Lokali m'għandux jedd skont il-liġi l-ġdida illi jagħmel libell.

61.5.17.1 Is-Sindku qal li kif kien ġie diskuss permezz tat-telefon kien hemm qbil li l-Kunsill ma jappellax din id-deċiżjoni u għaldaqstant iwaqqaf il-kawża hawn.

61.5.17.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jekk il-Kunsill ikollu każijiet oħra fil-futur fejn ikollu bżonn il-parir ta' Avukat, il-Kunsill għandu jfittex Avukat ieħor.

61.5.18 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana talbet biex tiġi skużata mil-laqgħa minħabba raġunijiet ta' familja. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-19:50hrs.

61.5.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li issa fil-kuntratt tal-ġbir ta' skart ma hemmx inkluż l-iskips li jingħataw lill-każini tal-festi fil-ġimgħa tal-festi.

61.5.19.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill iġib kwotazzjoni għal żewġ skips li jitbattlu kuljum mit-Tnejn sat-Tnejn fil-ġimgħa tal-festi. Dan il-prezz għandu jitqabbel ma dak offrut mill-kuntrattur tar-Reġjun Punent. Ġie deċiż li l-orħos kwotazzjoni għandha tingħata dan ix-xogħol għaż-żewġ festi għaż-żewġ każini.

61.5.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu lment rigward bankina fi Triq Salvu Sacco li ma hijiex aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

61.5.20.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u kkonkludew li din kellha ssir aċċessibbli meta saret il-binja tal-Housing u kellha ssir minnhom stess.

61.5.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu lment rigward bankina fi Triq Nerik Xerri.

61.5.21.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u kkonkludew li din ma tistax issir mill-Kunsill għax it-triq ser issir minn Infrastracture Malta u għaldaqstant il-bankini jsiru max-xogħol tat-triq.

61.5.22 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu lment minn resident fi Triq Tal-Fieres rigward *road markings* minħabba li kienu qed jipparkjawlha mal-koxxa tal-garaxx.

61.5.22.1 Il-Kunsilliera qalu li mhux lant li ssir iż-żebgħa t-triq kollha għax inkella kienu ser jintilfu aktar minn nofs il-parkeġġi. Huma qablu wkoll li din il-persuna għandha dritt għal *double yellow line* mal-koxxa tal-bieb biex tkun tista' tidħol u toħroġ bla problemi.

61.5.23 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu laqgħa ma' Infrastructure Malta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar ix-xogħol ta' mejnijiet ġodda tal-ilma, *water culvert* u tarmak ta' Triq San Pietru, Hal Kirkop.

61.5.23.1 Is-Sindku Terence Agius qal li Infrastructure Malta talbu lill-Kunsill biex jagħtu preferenza jekk jibdewx minn Triq San Pietru jew inkella minn Triq San Nikola u Triq l-Industrija.

61.5.23.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li għandha tinbeda Triq San Pietru.

61.5.23.3 Is-Sindku Terence Agius qal ukoll li fi Triq San Nikola ser tiġi rranġatha l-*borehole* u l-bankina u titneħħa wkoll il-problema ta' fejn joqgħod l-ilma.

61.5.23.4 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu ma dak rakkomandat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

61.5.24 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:10hrs.

61.5.25 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien diskuss f'Seduta Nru. 57, minuta 57.3.31, il-Kunsill kien daħħal l-applikazzjoni flimkien mar-Reġjun Punent għall-iskema maħruġa permezz ta' Ċirkulari SPI/SCI/03/2023 – Espressjoni ta' Interess: The World Clean Up Campaign 2023.

61.5.26 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-servizz tas-Silver T ġie estiż għal-lokalitajiet madwar Malta kollha u l-anzjani jkunu jistgħu jibbukkjaw dan is-servizz tlett ijiem qabel. Anzjani minn Hal Kirkop jistgħu jużaw dan is-servizz biex jagħmlu qadjiet f'dawn il-lokalitajiet – Il-Qrendi, L-Imqabba, Hal Kirkop, Hal Safi, Iż-Żurrieq u Il-Gudja.

61.5.27 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv kienet preparat ir-risposta għall-Management Letter dwar l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2022.

61.5.27.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet din ir-risposta għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

61.5.27.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din ir-risposta u qablu mal-kontenut tagħha.

61.5.28 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv kienet preparat ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2022.

61.5.28.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsilliera li huma kellhom jagħtu r-rapporti tagħhom biex jidħlu ma' dan ir-rapport.

61.5.28.2 Il-Kunsilliera iddiskutew ir-rapport li kienet ippreparat is-Segretarju Eżekuttiv u qablu mal-kontenut tiegħu. Huma qalu li minn naħa tagħhom ma kellhom xejn xi jżidu miegħu għax is-Segretarju Eżekuttiv kienet niżżlet kollox.

## 61.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

61.6.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li l-Ġita għal Sqallija li l-Kunsill organizza nhar is-Sibt, 10 ta' Ġunju, 2023 kienet suċċess u għaliha kienu attendew 35 persuna. Il-Viċi Sindku qal li kien grupp tajjeb u li l-Kunsill għandu jkompli jorganizza dawn it-tip ta' attivitajiet għar-residenti ta' Ħal Kirkop.

61.6.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri talab lis-Sindku biex jiddiskuti mal-Awtorità tal-Artijiet biex għalqa li hemm fi Triq Nerik Xerri tibqa' tal-Gvern u ssir spazju miftuħ għall-familji.

61.6.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li jekk din l-art ma ġietx mitluba biex tingħata b'devoluzzjoni lil Parks Malta, il-Kunsill għandu jitlob devoluzzjoni tagħha.

61.6.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jimxu kif qal is-Sindku.

61.6.2.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li jekk Parks Malta ma talbux din l-art biex tiġi rranġata fi spazju pubbliku, huwa importanti li l-Kunsill joħroġ stqarrija li l-Kunsill identifika biċċa art u ser iressaq proposta quddiem l-awtoritajiet biex din tgħaddi għand il-Kunsill biex issir spazju pubbliku biex titgawda mir-residenti Koppin.

61.6.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar jekk il-ġardinar għandux inkluż ukoll it-tisqija.

61.6.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li t-tisqija hija inkluża u għaldaqstant il-Viċi Sindku ser jitkellem dirett miegħu biex jara li jsaqqi kullimkien u li s-*soft areas* ikunu kollha fi stat tajjeb, speċjalment issa li ġejjin il-festi tar-raħal.

61.6.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri talab li jintefa' l-valenu tal-ġrieden f'dawn it-toroq – Triq Taż-Żebbiegħ, Triq il-Karwija, Triq San Ġwann, Triq Dun Ġużepp Barbara fejn l-arkata ta' San Ġakbu, għax kellu rapport li hemm il-ġrieden f'dawn it-toroq.

61.6.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill seta' jagħmel talba lid-Dipartiment konċernat biex jintefgħu dan il-valenu.

61.6.5 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa jekk jistgħux isiru tabelli bl-ispeed limit u reduce speed fi Triq San Benedittu (ħdejn fejn kienet l-Għassa tal-Pulizija).

61.6.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jiġu ordnati dawn it-tabelli.

61.6.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

61.6.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar użu ta' Misraħ iż-Żerniq għal attività tat-tfal li ser tittella' mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp – Sezzjoni Tfal Ġużeppini.

61.6.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li ma jsibux oġġezzjoni li tittella' din l-attività fi Pjazza Żerniq.

61.6.8 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk is-sistema tal-permessi taqbadx awtomatikament jekk ikun hemm permess fl-istess triq.

61.6.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sistema tal-permessi tagħtik alert jekk ikun hemm permess fl-istess triq u fl-istess jum. Hija qalet ukoll li ser tkun qed tiġbed l-attenzjoni tal-amministrazzjoni biex joqgħodu attenti għan-numru tal-bibien għax mhux dejjem tkun problema jekk ikun hemm permess fl-istess triq għax jaf wieħed ikun f'xifer u ieħor f'xifer ieħor. Biss jekk ikunu maġenb xulxin inkunu attenti li ma jinħarġux żewġ permessi.

## 61.7 Rapport tal-Ilmenti

61.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward tneħħija ta' *parking bay* fi Triq il-Għasel, minħabba li r-resident ma jistax joħroġ mill-garaxx u talab biex isirlu metru *double yellow line.*

61.7.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li din tintbagħat lil Transport Malta għall-gwida tagħhom.

61.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill talba mingħand l-istess resident li talab biex jitneħħew il-*parking bays* fi Triq il-Għasel minħabba li ma setax joħroġ mill-garaxx. Hi qalet li dan ir-resident issa qed jilmenta li qed jipparkjaw il-karozzi xorta waħda u għaldaqstant talab biex isiru *double yellow lines* fejn tneħħew il-parkeġġi.

61.7.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li din tintbagħat lil Transport Malta għall-gwida tagħhom.

61.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill talba biex jitneħħew sinjali tal-parkeġġi bojod fuq il-bankina fi Triq Danny Cremona. Dan għaliex għalkemm hemm is-sinjali bojod, min qed jipparkja hemm qed jiġi mħarrek għax fuq bankina mhux suppost li wieħed jipparkja.

61.7.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintalab *feedback* mil-LESA u minn Transport Malta dwar dawn il-*parking bays*.

61.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill talba minn resident li bena dar bil-garaxx fi Triq San Rokku biex jitneħħew il-*parking bays* li hemm quddiem il-bieb tal-garaxx peress li dalwaqt ser jibda jagħmel użu minnu.

61.7.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li dawn il-*parking bays* jitneħħew biex sid id-dar ikun jista' jagħmel użu mill-garaxx.

61.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward ilma li qed joqgħod fi Triq San Rokku. Ir-residenta li għamlet dan l-ilment qalet li dan l-ilma beda joqgħod minn meta ingħalqu xi *drains* u qed jidħol l-ilma.

61.7.5.1 Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jiċċekkja dan il-każ eżatt biex jara x'inhi l-problema u jekk hux ġejja minn naħa tat-triq jew le.

61.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward it-tapit tal-bandli fejn xi residenti kienu nfurmawna li qed ikun hemm xi tfal fil-bandli u qed jaqilgħu dan it-tapit.

61.7.6.1 Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jara eżatt x'qed jiġri u malli l-Kusill ikollu ħaddiem ser tiġi rranġata l-biċċa li hemm mingħajr tapit.

61.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 61.8 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2023

61.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif kien mitlub fil-laqgħa numru 58, minuta 58.7.2, dan l-*item* kellu jitpoġġa fuq l-aġenda għad-diskussjoni f'din il-laqgħa, minħabba li l-iStqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2023 ma kienux għadhom ġew iffinalizzati.

61.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2023. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq l-Ewwel Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja stabbli.

61.8.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2023 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 61.9 *Data Protection Officer*

61.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif kien mitlub fil-laqgħa numru 57, minuta 57.8.3, u sussegwentement fil-laqgħa preċedenti, minuta 58.5.5, dan l-*item* kellu jitpoġġa fuq l-aġenda għad-diskussjoni f'din il-laqgħa.

61.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt tad-*Data Protection Officer* kien skada fl-aħħar ta' Marzu 2023 u li d-DPO preżenti kien bagħat kwotazzjoni bi prezz rivedut għal sena oħra.

61.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret fl-importanza li l-Kunsill ikollu *Data Protection Officer* u qalet li jekk il-Kunsill ma jkollux hemm multi għoljin ħafna.

61.9.4 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li dan il-kuntratt jiġi mġedded bil-prezz il-ġdid.

61.9.5 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-Kunsill iġedded il-kuntratt tad-Data Protection Officer bil-prezz il-ġdid, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 61.10 Kuntratt – Ċentru ta' Matul il-Jum

61.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif kien mitlub fil-laqgħa numru 57, minuta 57.9.2, u sussegwentement fil-laqgħa preċedenti, minuta 58.5.5, dan l-*item* kellu jitpoġġa fuq l-aġenda għad-diskussjoni f'din il-laqgħa.

61.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-kuntratt taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum iffirmat mal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità kien ser jiskadi f'Diċembru, 2023 u għaldaqstant kienet tinħass il-ħtieġa li jibdew id-diskussjonijiet dwar it-tiġdid ta' dan il-kuntratt.

61.10.3 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja qablu li l-kuntratt taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum jiġġedded bl-istess kundizzjonijiet għajr għall-prezz li għandu jiżdied b'10% fuq il-prezz kurrenti.

## 61.11 Kuntratt - ATM

61.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif kien mitlub fil-laqgħa numru 57, minuta 57.10.3, u sussegwentement fil-laqgħa preċedenti, minuta 58.5.5, dan l-*item* kellu jitpoġġa fuq l-aġenda għad-diskussjoni f'din il-laqgħa.

61.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-kuntratt tal-ATM mal-BOV plc kien ser jiskadi f'Awwissu, 2023 u għaldaqstant kienet tinħass il-ħtieġa li jibdew id-diskussjonijiet dwar it-tiġdid ta' dan il-kuntratt.

61.11.3 Hija fakkret ukoll li fil-laqgħa preċedenti, l-Kunsilliera kienu qablu li dan għandu jiġġedded bl-istess kundizzjonijiet u l-Kunsill jitlob lill-BOV plc biex jgħin f'tisbieħ ta' xi *area* partikolari.

61.11.4 Il-Kunsilliera ddiksutew xi għajnuna li setgħat tintalab lill-BOV plc u kien hemm qbil li tintalab l-għajnuna biex isir *upgrade* fil-Bandli tal-Kommunità. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 61.12 Proġett tal-*Observation Area* fi Triq l-Industrija

61.12.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li sfortunatament il-proġett ta' tisbieħ tal-*Observation Area* fi Triq l-Industrija, li kien imressaq quddiem Project Green aktar kmieni din is-sena, ma kienx intgħażel.

61.12.2 Is-Sindku kompla jgħid li dan il-proġett kien ilu jiġi mwiegħed ħafna li ser isir u dejjem jinbidel xi ħaġa minn naħa tal-Ministeri u l-proġett jispiċċa jistenna.

61.12.3 Is-Sindku qal li issa reġa' ġara l-istess u wara li l-Kunsill għamel ħafna spejjeż, l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop reġgħet baqgħet fuq il-karta u l-Kunsill ma nagħtax fondi għal dan il-proġett.

61.12.4 Il-Kunsilliera qalu li mhux ser jieqfu qabel dan il-proġett jitwettaq. Il-Kunsilliera qalu li tajjeb li jinħarġu d-disinji ta' dan il-proġett biex il-pubbliku ikun infurmat dwar ix-xogħol li sar mill-Kunsill biex l-*observation area* tiġi msebbħa biex titgawda mir-residenti tal-lokalità tagħna. Il-Kunsilliera qalu li l-pubbliku għandu jkun infurmat li għalkemm il-Kunsill applika xorta waħda dan il-proġett ma ntgħażilx.

61.12.5 Is-Sindku qal ukoll li l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp dwar l-istess proġett kienet qed tiġi rrakkomandata li tiġi approvata f'laqgħa tal-Awtorità tal-Ippjanar li ser issir fil-5 ta' Lulju, 2023.

## 61.13 Vakanza għall-Skrivan/a fi Skala 15

61.13.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-applikazzjonijiet għall-Vakanza għall-Skrivan/a fi Skala 15 kienu għalqu u l-Kunsill kien irċieva tlett applikazzjonijiet.

61.13.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien bagħat għal dawn il-kandidati u saru l-intervisti. Is-Sindku qal ukoll li l-Bord tal-Għażla kien ħejja r-rapport tiegħu, liema rapport kien qed jitpoġġa fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-Kunsill.

61.13.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan ir-rapport u raw li dawn il-kandidati ma kienux għaddew mill-intervista u għaldaqstant kien imiss li l-Kunsill jgħaddi għall-istadju li jmiss u joħroġ din il-vakanza għall-pubbliku inġenerali. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 61.14 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

61.14.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Sejħa għall-Offerti - Knis ta' Toroq kienet għalqet nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju, 2023.

61.14.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv tinforma lill-Kunsilliera preżenti kemm kienu intefgħu offerti għal din is-sejħa.

61.14.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport ta' ftuħ ta' dawn l-offerti u qalet li għal din is-sejħa kienu intefgħu sitt offerti.

61.14.4 Issa kien imiss li dawn l-offerti jiġu aġġudikati u għaldaqstant is-Sindku talab biex tiġi iffissata d-data biex jiltaqa' l-Bord ta' Evalwazzjoni biex dawn l-offerti jiġu evalwati.

## 61.15 Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

61.15.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku kienet għalqet nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju, 2023.

61.15.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv tinforma lill-Kunsilliera preżenti kemm kienu intefgħu offerti għal din is-sejħa.

61.15.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport ta' ftuħ ta' dawn l-offerti u qalet li għal din is-sejħa kienu intefgħu erba' offerti.

61.15.4 Issa kien imiss li dawn l-offerti jiġu aġġudikati u għaldaqstant is-Sindku talab biex tiġi iffissata d-data biex jiltaqa' l-Bord ta' Evalwazzjoni biex dawn l-offerti jiġu evalwati.

## 61.16 Sħubija fil-GAL Xlokk

61.16.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li issa l-Kunsill kellu jiddeċiedi jekk kienx ser iħallas is-sħubija fil-GAL Xlokk jew le.

61.16.2 Is-Sindku spjega li biex Kunsill ikun membru fil-GAL Xlokk kellha titħallas is-sħubija, liema sħubija għall-Programm kollu ser tkun €500 għal kull Kunsillier, jiġifieri fil-każ tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop din ser tiswa €2,500.

61.16.3 Is-Sindku kompla jispjega li din il-miżata tista' tinqasam fi tnejn, nofs il-miżata titħallas sa Novembru 2023 u n-nofs l-ieħor sa Diċembru 2026.

61.16.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li din is-sħubija titħallas, bl-ewwel parti titħallas f'Novembru 2023 u t-tieni parti titħallas f'Novembru 2026.

61.16.5 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-Kunsill iħallas is-sħubija u jsir membru fil-GAL Xlokk kif maqbul f'minuta 61.16.4, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 61.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

61.17.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 138 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

61.17.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 138 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 61.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

61.18.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

61.18.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 26 ta' Lulju, 2023 fl-16:30hrs.

61.18.3 Il-laqgħa ntemmet fid-21:30hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 26 ta' Lulju, 2023

**Mozzjoni Ref:** 309/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 58.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Ritienne Caruana |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Ġunju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 310/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 59.

**Proponent**
Ritienne Caruana

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Ġunju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 311/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 60.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Ġunju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 312/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-kuntratt tal-ftuħ, għeluq u tindif tal-latrina jiġġedded bl-istess kundizzjonijiet sal-aħħar ta' Awwissu 2023.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Ritienne Caruana

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Ġunju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 313/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tinħareġ espressjoni ta' interess għall-ftuħ, għeluq u tindif tal-latrina.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 19 ta' Ġunju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 314/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Ġunju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 315/23/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2023 jiġu approvati.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Ġunju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 316/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill iġedded il-kuntratt tad-*Data Protection Officer* bil-prezz il-ġdid.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Terence Agius |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Ġunju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 317/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill iħallas is-sħubija u jsir membru fil-GAL Xlokk kif maqbul f'minuta 61.16.4.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Ġunju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 318/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 138.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Ġunju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**